# Il-Ħbub tad-Deheb

## ta' ***Trevor Żahra*** p. 99

## A. Il-Plott - *Dawra mejt mal-plott*

Imla dawn il-kaxxi bil-kaxxi li ssib f'paġna 3. Waqa li tqasqashom poġġihom fl-ordni skont kif seħħew fl-istorja. L-ewwel waħda hija lesta.

**1. L-awtur jirċievi telefonata**

Ġorġ iċempel lill-awtur biex jara jekk lestiex l-istorja li kellu jikteb għall-ktieb li kellhom jippubblikaw flimkien ma' awturi oħra.

**2.**

**3.**

**4.**

**5.**

**6.**

**7.**

**8.**

**9.**

Isem: ________________________ Klassi: ____________________

**Qasqas/ikkopja dawn il-kaxxi u ppustjahom fl-ordni li seħħew fl-istorja fuq il-kaxxi fl-ewwel paġna.**

**L-awtur iżur lil Dolor**
Fil-Milied ommu titolbu jieħu l-ikel lil Dolor. Meta jkun għandha jintebaħ li ma kellha lil ħadd. Qabel jitlaq tagħtih karus tal-fuħħar u titfagħlu sitt ħabbiet ġo fih.

**L-awtur jirtira fis-salott**
L-awtur jingħalaq fis-salott bil-ħsieb li jitqanqal fi ħsibijietu u jirnexxilu jikteb l-istorja. Ħarstu taqa' fuq tavolina li fakkritu f'ħafna memorji ta' tfulitu.

**Mill-ġdid fis-salott**
L-awtur jispiċċa jħares lejn il-ħbub li kienet tagħtu Dolor u li hu u martu kienu poġġew taħt ħġieġa fuq tavolina fis-salott.

**Jintesa kollox**
Maż-żmien kollox intesa, spiċċa l-logħob mill-pjazzetta, u l-familja Abdilla emigrat lejn l-Awstralja.

**Kitty tiġi lura**
Lejla waħda, l-awtur isib lil Kitty fis-salott. Hija tagħtih kaxxa bis-sitt ħabbiet li kien taha hu stess. Jibdew joħorġu flimkien u wara sentejn jiżżewġu. Tmien snin ilu tmut Kitty.

**Il-logħob u l-ġiri barra**
Jiftakar kif eżatt malli kien ilesti x-xogħol tal-iskola kien jitlaq 'il barra biex jilgħab ma' sħabu.

**Marju Abdilla u Dolor tal-qtates**
Skont Marju, Dolor billejl kienet taqbad it-tfal u tibdilhom fi qtates. Dan it-twemmin jissaħħaħ meta jgħib il-Briksu. Għalkemm sa filgħaxija l-Briksu nstab, Marju xorta kellu spjegazzjoni.

**Il-karus**
L-awtur jinduna li l-karus huwa maġiku għax il-muniti jibdew jiżdiedu sa ma jimtela kollu. Meta jiġri dan huwa jkisser il-karus u jaħrab jiġri lejn il-pjazzetta biex jgħid b'kollox lil Marju. Minflok huwa jiltaqa' ma' Kitty u jagħtiha nofshom.

## B. Il-Karattri – *Aqta' min hu/hi?*

**Qabbel id-deskrizzjoni tal-karattru mal-isem fil-ġenb. Ikteb in-numru tad-deskrizzjoni quddiem l-isem.**

| | | |
|---|---|---|
| 1. Ħabib tal-awtur. Leħnu fuq it-telefown ta qatgħa lill-awtur. Juża l-ixpruni biex iġiegħel lin-nies jaħdmu. | | Kitty |
| 2. Hu u Dolor kienu ħbieb u jafu sewwa lil xulxin. Meta ltaqgħu, Dolor tbissmitlu. Kien kapaċi jisma' x'kellu xi jgħid ħaddieħor iżda r-risposti tiegħu kienu xotti u fl-istess ħin misterjużi. | | Marju Abdilla |
| 3. Persuntha żgħira u qatt ma titkellem. Fl-età ftit iżgħar mill-awtur. Waqt ir-rakkonti ta' ħuha għajnejha kienu jiġu qishom żewġ kewkbiet. | | Il-Briksu |
| 4. Tifel imqarqaċ u l-gideb tiegħu tant huwa kreattiv. Kapaċi jpaspar storja fuq kollox. Il-vittma ewlenija tal-gideb tiegħu hija Dolor tal-qtates. | | In-Nannu Mikiel |
| 5. Wieħed mit-tfal tar-raħal u tampar l-awtur. Darba għamel jum mitluf u ħarġuha li Dolor biddlitu f'qattus. Fir-realtà kien mar jistaħba fil-kantina tad-Domus wara li qala' xebgħa mingħand missieru. | | Ġorġ |

## Ċ. L-Isfond - *Tisliba*

F'din in-novella nsibu ħafna tagħrif dwar l-isfond tal-ġrajja (iż-żmien li fih isseħħ l-istorja, id-drawwiet, il-mod ta' għajxien, l-ambjent u xi ċirkostanzi partikolari). (Nota: Fit-Tisliba **ie** u **għ** joqogħdu f'kaxxa waħda.)




| **Weqfin:** | **Mimdudin:** |
|---|---|
| 1. Barra biċċa dundjan, fil-ġewlaq kien hemm platt _________. | 4. Fil-Milied, fid-dar tal-awtur kienu jarmaw dan taħt it-taraġ. |
| 2. Kitty u familtha użaw dan il-mezz ta' trasport biex jemigraw. | 8. Omm l-awtur kienet tistieden lil dawn għall-ikla tal-Milied. |
| 3. Logħba popolari fost it-tfal. | 7. Il-pajjiż li l-familja ta' Marju u Kitty emigraw fih. |
| 5. Kamra fid-dar tal-awtur li llum kważi dejjem magħluqa. | 9. Il-munita li qala' l-awtur mingħand Dolor tal-qtates tiswa daqs ċenteżmu tal-lum. (4, 6) |
| 6. Is-sors tal-ilma għal ħafna fir-raħal kien jinsab hawn. | 11. In-nies kienu jġibu l-ilma minnha. |
| 10. Peress li l-karozzi kienu skarsi, it-tfal kienu jilagħbu fihom. | |